A.L. 53 ta' l-1988

ATT TA' L-1948 DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME'

(ATT NRU. LIV TA' L-1948)

Ordni ta' l-1988 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien mit-Taxxa Doppja (Taxxi fuq 'Income') (Renju ta' l-Isvezja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 68A ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1988 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien mit-Taxxa Doppja (Taxxi fuq *Income*) (Renju ta' l-Isvezja) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1976 dwar Ħelsien mit-Taxxa Doppja (Taxxi fuq *"Income")* (Renju ta' l-Isvezja).

A.L. 131 ta' l-1976.

Emendi jkollhom seħħ.

2. Qiegħed b'dan jiġi dikjarat illi —

(a) l-artikli speċifikati fil-Protokol muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni saru mal-Gvern tar-Renju ta' l-Isvezja sabiex jingħata ħelsien mit-taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tar-Renju ta' l-Isvezja, jiġifieri —

(i) it-taxxa fuq l-*income* ta' l-Istat, magħduda taxxa tal-baħrin u taxxa *coupon* (den statliga inkomstskatten, sjömansskatten och kupongskatten);

(ii) it-taxxa fuq profitti mhux imqassmin ta' kumpanniji u t-taxxa fuq it-tqassim dwar it-tnaqqis tal-kapital azzjonarju jew ix-xoljiment ta' kumpannija (ersättningsskatten och utskiftningsskatten);

(iii) it-taxxa fuq *entertainers* pubbliċi (bevillningsav-giften);

(iv) it-taxxa fuq l-*income* kommunali (den kommunala inkomstskatten); u

(v) it-taxxa kapitali ta' l-Istat (den statliga förmögen-hetsskatten);

(b) huwa spedjenti li din l-emenda jkollha seħħ.

SKEDA

PROTOKOL LI JEMENDA L-FTEHIM BEJN MALTA U L-ISVEZJA GĦALL-ĦELSIEN MIT-TAXXA DOPPJA DWAR IT-TAXXI FUQ L-*INCOME*

MALTA u l-ISVEZJA billi jixtiequ jagħmlu Protokol li jemenda l-Ftehim bejn Malta u l-Isvezja għall-ħelsien mit-taxxa doppja dwar taxxi fuq l-*income,* iffirmat fi Stockholm fit-30 ta' Mejju, 1975 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), ftiehmu kif ġej:

ARTIKLU I

Fl-Artiklu 2 tal-Ftehim, minnufih wara l-paragrafu (5) għandu jidħol il-paragrafu ġdid (6) li ġej:

"(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Artiklu, dan il-Ftehim ma għandux japplika għal taxxa mħallsa jew li titħallas f'Malta bir-rata provduta għaliha fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-'Income'.".

ARTIKLU II

L-Artiklu 23 tal-Ftehim għandu jitħassar u minfloku għandu jidħol dan li ġej:

"ARTIKLU 23

Tneħħija ta' Taxxa Doppja

(1) Meta residenti ta' l-Isvezja jikseb *income* li taħt il-liġijiet ta' Malta u skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jista' jiġi ntaxxat f'Malta, l-Isvezja għandha tagħti — bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet ta' l-Isvezja dwar il-kreditu għal taxxa barranija (skond emendi li jsiru minn żmien għal żmien mingħajr ma jitbiddel il-prinċipju ġeneriku ta' hawnhekk) — bħala tnaqqis mit-taxxa fuq dak l-*income,* ammont egwali għat-taxxa ta' Malta mħallsa għar-rigward ta' dak l-*income.*

(2) (a) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) għandhom japplikaw ukoll meta t-taxxa ta' Malta tkun ġiet meħlusa għal kollox jew imnaqqsa għal żmien limitat daqslikieku ma kien ingħata ebda ħelsien bħal dak jew ma kien ingħata ebda tnaqqis bħal dak. Fil-każ tad-dividendi msemmijin fil-paragrafu (2)(b)(ii) ta' l-Artiklu 10, it-tnaqqis mit-taxxa Svediża għandu jinkludi t-taxxa ta' Malta fuq l-*income* attwalment imħallsa dwar dawk id-dividendi kif ukoll dik il-parti tat-taxxa ta' Malta li kien ikollha titħallas taħt il-liġi ta' Malta u skond dan il-Ftehim iżda li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2)(b)(ii) ta' l-Artiklu 10, ma tkunx ħekk tħallset.

(b) Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw dwar taxxi fuq l-*income* li jinqala' fi jew qabel il-31 ta' Diċembru 1991 jew xi data li tiġi wara li jkun sar il-ftehim dwarha bejn l-awtoritajiet kompetenti.

(3) Għall-finijiet tal-paragrafu (1), it-taxxa ta' Malta dwar imgħax u *royalties* imħallsa b'rata ta' mhux inqas minn 10 fil-mija ta' l-ammont gross ta' dak l-*income* għandha titqies li tkun jew l-ammont attwali hekk imħallas, jew 25 fil-mija ta' l-ammont ta' l-*income* nett li fuqu tintalab it-taxxa fl-Isvezja, skond liema jkun l-ogħla.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1), meta residenti ta' l-Isvezja jikseb *income* li, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, jista' jiġi ntaxxat f'Malta, l-Isvezja għandha teżenta dak l-*income* mit-taxxa sakemm il-parti prinċipali ta' l-*income* ta' l-istabbiliment permanenti jew tal-bażi stabbilita tinqala' minn attivitajiet tan-negozju jew servizzi personali indipendenti, barra mit-tmexxija ta' assikurazzjonijiet u proprjetà oħra simili, u ḍawk l-attivitajiet ikunu qegħdin jitmexxew f'Malta permezz ta' l-istabbliment permanenti jew tal-bażi stabbilita.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1), id-dividendi mħallsin minn kumpannija li tkun residenti f'Malta lil kumpannija li tkun residenti fl-Isvezja jkunu eżentati mit-taxxa Svediża safejn dawk id-dividendi kienu jkunu eżentati taħt il-liġi ta' l-Isvezja li kieku ż-żewġ kumpanniji kienu kumpanniji Svediżi. Din l-eżenzjoni ma għandhiex, madankollu, tapplika meta t-taxxa ta' Malta fuq id-dividendi tkun inġabret fuq rata iktar baxxa minn dik li dwarha hemm provvediment fil-paragrafu (2)(b)(ii) ta' l-Artiklu 10.

(6) Meta residenti ta' l-Isvezja jkollu kapital li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jista' jiġi ntaxxat f'Malta, l-Isvezja għandha tagħti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq il-kapital ta' dik il-persuna ammont egwali għat-taxxa kapitali mħallsa f'Malta. It-tnaqqis ma għandux, madankollu, jeċċedi dik il-parti tat-taxxa kapitali, kif maħduma qabel ma jingħata t-tnaqqis, li tkun xierqa għall-kapital li jista' jiġi ntaxxat f'Malta.

(7) Meta residenti ta' l-Isvezja jikseb *income* jew ikollu kapital li skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ikun taxxabbli biss f'Malta, jew jikseb *income* li skond il-paragrafu (4) ta' dan l-Artiklu jkun eżentat mit-taxxa Svediża, l-Isvezja tista' tikkunsidra dak l-*income* jew kapital meta tiġi biex tistabbilixxi r-rata gradwata ta' taxxa Svediża.

(8) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, individwu, li jkun residenti ta' Malta u li wkoll skond il-leġislazzjoni Svediża dwar it-taxxi Svediżi msemmija fl-Artiklu 2 ikun meqjus bħala residenti ta' l-Isvezja, jista' jiġi ntaxxat fl-Isvezja. Iżda, l-Isvezja għandha tagħti kull taxxa ta' Malta mħallsa fuq l-*income* jew kapital bħala tnaqqis mit-taxxa ta' l-Isvezja skond il-paragrafi (1) u (6) ta' dan l-Artiklu. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw biss għal individwi li huma ċittadini Svediżi.

(9) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar l-għoti ta' kreditu kontra taxxa ta' Malta dwar taxxa barranija, meta, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ikun inkluż f'likwidazzjoni ta' Malta *income* minn għejjun fl-Isvezja jew elementi ta' kapital sitwati fl-Isvezja, it-taxxa ta' l-Isvezja fuq dak l-*income,* jew dawk l-elementi ta' kapital, skond il-każ, għandha tingħata bħala kreditu kontra t-taxxa ta' Malta li għandha titħallas fuqhom.".

ARTIKLU III

(1) Dan il-Protokol għandu jiġi ratifikat u d-dokumenti tar-ratifika għandhom jiġu mibdula fil-Belt Valletta kemm jista' jkun malajr.

(2) Il-Protokol għandu jibda jseħħ mat-tibdil tad-dokumenti ta' ratifika u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom iseħħu:

(a) Għar-rigward tal-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 23 tal-Ftehim, dwar taxxi fuq *income* miksub fi jew wara l-1 ta' Jannar, 1977. Iżda, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dak il-paragrafu dwar taxxi fuq *income* miksub qabel għeluq is-sena kalendarja li fiha jibda jseħħ dan il-Protokol, ir-riferenza li hemm f'dak il-paragrafu għall-paragrafu (1) għandha tiftiehem bħala riferenza għall-paragrafi (1) u (2) ta' l-Artiklu 23 kif kienu fis-seħħ qabel ma daħal fis-seħħ dan il-Protokol.

(b) Għar-rigward tad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Protokol, dwar taxxi fuq *income* miksub fi jew wara l-1 ta' Jannar li jkun imiss wara l-bdil ta' dokumenti ta' ratifika, u dwar it-taxxi fuq il-kapital imposti matul xi sena li tibda mat-tieni sena kalendarja li tiġi wara dak il-bdil.

ARTIKLU IV

Dan il-Protokol għandu jibqa' jseħħ sakemm il-Ftehim jibqa' jseħħ.

B'XHIEDA TA' DAN l-hawn taħt iffirmati, awtorizzati kif imiss għal hekk, iffirmaw dan il-Protokol.

MAGĦMUL fil-Belt Valletta illum 25 ta' Ġunju, 1986 in duplikat fl-ilsien Ingliż.

R. STIVALA
Għall-Gvern ta' Malta

J. GOLLCHER
Għall-Gvern ta' l-Isvezja.